

# Il-Kronoloġija kampanoloġika ta' Ħal Lija


minn Kenneth Cauchi

*MA, B. Cons. (Hons)*




Sa mill-aktar żmien bikri, il-qniepen kienu l-mezz ewlieni ta' komunikazzjoni li kellu l-bniedem b'mod partikolari meta ried jittrażmetti messaġġ fil-bogħod. Għaldaqstant kien diffiċli li wieħed jimmaġina knisja ewlenija ta' raħal tiffunzjona mingħajr qanpiena jew aħjar qniepen. Ħal Lija żgur li ma kinitx eċċezzjoni tant li l-ibgħad riferenza toħodna lura għal nofs is-seklu sbatax qabel il-bini tal-Knisja Parrokkjali preżenti. Intant se nagħtu ħarsa kronoloġika lejn x'ġara proprju f'Ħal Lija biex wassal għall-istat attwali tal-qniepen tal-knisja Parrokkjali.

Skont dokumenti awtentiċi jidher li f'Ħal Lija kienet teżisti qanpiena fonduta minn Antoninu Guierrera fonditur minn Messina fi Sqallija.[1] Għandna nassumu li din il-qanpiena kienet tinsab imdendla fil-kampnari tal-lum mal-qniepen il-qodma l-oħra li sal-1946 kienu għadhom jintużaw. Din il-qanpiena aktarx inqasmet lejn l-aħħar tas-seklu dsatax biex inkunu preċiżi fl-1880-1.[2]

Ma' din il-qanpiena konna nsibu oħra kbira li għandna nifhmu li kienet il-qanpiena l-kbira ta' Ħal Lija bejn is-snin 1740 - 1813. Din tfondiet fl-1740 minn Aloisiu Bouchut, il-Mastru Fonditur tal-fonderija tal-Ordni ta' San Ġwann fi żmien il-Gran Mastri Anton Manoel de Vilhena, Ramon Despuig u Emmanuel Pinto de Fonseca.[3] Kemm hu hekk, fuqha ġġib l-arma tal-Granmastru Despuig bħala l-Granmastru renjanti. Fuq il-qanpiena nsibu basso riljev tas-Salvatur kif ukoll l-arma tal-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien Fra Pawlu Alpheran de Bussan. Din il-qanpiena għadha fil-kampnar u tintuża biex fuqha jindaqqu t-tokki tas-sigħat mill-arloġġ mekkaniku installat taħt il-kampnar tan-naħa tat-tramuntana.

Semmejna żewġ qniepen bejn nofs is-seklu sbatax u tmintax però dan ma jfissirx li fil-kampnari kien hemm żewġ qniepen biss. Jista' jkun, u possibbilment hekk sar li kif kien jiġri ta' spiss kien hemm qniepen oħra li biż-żmien inqasmu 'u ddewbu biex saru oħrajn ġodda. Fir-rakkont tagħna nistgħu nikkummentaw biss fuq dawk iddokumentati. Proprju lejn tmiem il-ħakma tal-Ordni nsibu żewġ qniepen oħra fonduti mill-aħwa Trigance liema qniepen ma nafux jekk sarux minn xi bronż miksub minn qniepen oħra miksura. Dawn il-qniepen tfondew fis-sena 1794 u 1798 rispettivament u fuqhom għandhom ix-xbieha tas-Salvatur.[4] Dawn il-qniepen għadhom

[1] Debono J, *Artists and Artisans that worked in St. John's and other Churches*, Dormax Press, Malta, 2005. Għadhom jeżistu tliet qniepen xogħol ta'Antonino Guierrera li għadhom jintużaw sal-ġurnata tal-lum. Dawn jinsabu tnejn fil-Parroċċa Arċipretali ta' Santa Katerina fiż-Żurrieq u l-oħra fil-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi.

[2] Cauchi K, *A study of the post 18th Century Interventions on a number of Bells in the Maltese Islands,* Unpublished BA Thesis, Conservation Division, University of Malta.

[3] Cassar R *The Bells of Malta, an Art Historical consideration (1370 – 1900)* Unpublished MA Thesis History of Art Department, University of Malta. Vol II, Ref. LIA02 – *Devotio Popolorum (sic.) Fecit 1740.*

[4] Cassar R, *Op. Cit.* Vol II, Ref LIA03 – *Populi Villae Lia Liberalites*

jeżistu u jinsabu mdendla waħda fil-kampnar tat-tramuntana u tintuża għall-kwarti tal-arloġġ filwaqt li l-oħra tinsab fil-kampnar tal-Knisja ta' San Pietru wkoll f'Ħal Lija.[5]



L-Arċisqof Mikiel Gonzi ibierek il-Qanpiena il-kbira Salvina.

Kien proprju lejn il-bidu tas-seklu dsatax biex inkunu eżatti fl-1813 meta f'Malta kien qed isir tiġdid kampanoloġiku sħiħ riżultat ta' fattur ekonomiku favorevoli minħabba li Malta kienet għaddiet mill-marda tal-pesta kif ukoll minħabba preżenza ta' fonditur kunfidenti minn Sqallija. Biex nippreċiżaw il-fatti, l-Ordni ta' San Ġwann tkeċċa minn Malta fl-1798, u miegħu nistgħu ngħidu li tħarbtet is-sistema ta' tfondija ta' qniepen lokalment li kienet ilha stabbilita għal ħafna snin. Il-fonderija tal-Ordni kellha tagħlaq il-bibien tagħha u l-Mastru Fonditur Ġwakkin Trigance (Franġisku kien laħaq miet) kien kostrett li kellu jfittex post ieħor fejn jaqla' l-għajxien tiegħu. F'dan iż-żmien ta' tħarbit u instabbiltà, f'temp ta' tliet snin, il-Gżejjer Maltin għaddew minn taħt tliet saltniet, dik tal-Ordni, dik Franċiża u eventwalment dik Ingliża. Kienet proprju din tal-aħħar taħt il-Gvernatur Sir Thomas Maitland li offra lil diversi knejjes stabbiliti numru ta' kanuni tal-bronż biex dawn jiddewbu fi qniepen. Il-Knisja ta' Ħal Lija kienet waħda minn dawn il-knejjes li messithom din ix-xorti. Messet ix-xorti lil-Fonditur Sqalli Fedinandu u ħuh Sebastjan Leotta biex ifondu qanpiena ta' 'l fuq minn żewġ tunnellati.[6] Din kellha sservi bħala l-qanpiena l-kbira ta' Ħal Lija bejn is-snin 1813 u 1946. Fuqha għandha x-xbieha tas-Salvatur kif ukoll tal-Madonna bil-Bambin f'idha. Din il-qanpiena nżammet fil-kampnar tan-nofsinhar u għadha tintuża għad-daqq tal-*Angelus* ta' kuljum.

Kif għidna aktar 'il fuq lejn l-aħħar snin tas-seklu dsatax f'Ħal Lija saret qanpiena oħra fl-1882 fi żmien il-Parrokat tal-Kappillan Dun Antonio Grech Falzon, proprju mill-Fonditur Malti Ġulju Cauchi ta' Bormla li aċċetta l-qanpiena miksura ta' Guierrera bħala parti mill-ħlas għat-tfondija ta' qanpiena ġdida. Din kienet tiġi t-tieni tal-qniepen il-qodma u li llum tinsab imdendla fil-Knisja tas-Salvatur il-Qadim. Fonduti fuqha jinsabu x-xbihat tas-Salvatur, il-Kunċizzjoni, San Ġużepp u San Pawl.[7]

Kif ġara kemm-il darba f'Malta, kummissjoni ta' qniepen ġodda dejjem saret jew fi żmien meta nqasmet xi qanpiena inkella meta xi knisja oħra fondiet xi qanpiena kbira li setgħet b'xi mod impressjonat lil xi raħal fil-qrib. Dan il-fenomenu nsibuh li ġara kemm fis-seklu tmintax, dsatax u b'mod drammatiku fil-bidu tas-snin għoxrin. Qegħdin hawnhekk ngħidu drammatiku għax bil-mewt tal-fonditur Malti Ġulju Cauchi, Malta tilfet il-mestier tat-tfondija tal-qniepen darba għal dejjem.

Kienu diversi brunżara li ppruvaw jieħdu l-mestier ta' Cauchi imma allavolja ppruvaw fuq li ppruvaw, ir-riżultati miksuba kienu sfortunatament medjokri għall-aħħar. Kien żmien ikkaratterizzat minn skarsezza u ġuħ ikkawżat mill-Gwerra l-Kbira (1914-1918). Il-perjodu suċċedenti qajjem entużjażmu fil-poplu li jerġa' jdur għall-kummissjonijiet ta' qniepen ġodda. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi t-triq waħdanija kienet li jerġgħu jissukktaw l-importazzjonijiet tal-qniepen. Kienu diversi s-sorsi li nstabu, però jidher li l-aktar waħda li ntgħoġbot kienet id-ditta tal-aħwa Barigozzi f'Milan irrappreżentata minn A. Busuttil

*et Devotio Ad Honorem S.S. Salvatoris Fecit Anno MDCCXCIIII – Fratres Trigance Fecervnt.*

[5] Cassar R, *Op. Cit.* Vol II, Ref LIA05.

[6] Cassar. R. *Op. Cit.* Vol II- Ref LIA01 – *Anno Domini: 1813: M: Ferdinando e Sebastiano Leotta.*

[7] Cassar. R. *Op. Cit.* Vol II- Ref LIA04 - *Rinovata nell'Anno 1882 per cura del Parroco Antonio Grech Falzon – Mro Giuliano Cauchi Fecit Malta Cospicua.*



**Il-Qniepen fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija**

& Co. ta' 276 Triq San Pawl fil-Belt aktar tard immexxija minn Tancred u wliedu Cecil u Edwin Magri. Din id-ditta kisret in-norma Maltija li l-qniepen isiru bil-waħda u minflok bdiet tforni settijiet ta' qniepen melodjużi li ntlaqgħu bil-bosta. Xhieda ta' dan huwa l-interess u l-kummissjonijiet li d-ditta Busuttil irċeviet minn Malta u Għawdex. Is-snin għoxrin nistgħu ngħidu li kienu l-aqwa perjodu fejn importaw qniepen ġodda mill-Ewropa għal Malta.[8] Din is-sitwazzjoni favorevoli damet tiffjorixxi sal-1937 meta s-sħab iswed tat-Tieni Gwerra Dinjija beda jidher fuq ix-xefaq. L-aħħar sett qniepen li ġie impurtat qabel il-Gwerra kien mill-Fonderija ta' Angelo Bianchi ta' Varese għall-Knisja ta' Stella Maris f'Tas-Sliema.[2]

Kif għaddew is-snin ta' dwejjaq li ġabet magħha l-Gwerra, il-poplu reġa' beda joħlom fuq il-qniepen. L-għadab li ġabet magħha l-gwerra lejn it-Taljani kien qawwi u l-istima lejn l-Ingliżi possibbilment għenet biex iddawwar il-fehma tal-poplu lejn fonderija ta' provenanza Ingliża. Huwa maħsub li kien proprju dan il-fattur li għen sabiex Malta tbiddel dik li kienet saret kważi norma u minflok tibda timporta qniepen Ingliżi partikularment mill-Fonderija John Taylor li kienet rappreżentata mill-kumpannija EMEC taħt it-treġija tas-Sur Joseph Galea iben il-Filantropu Alfons Maria Galea.

Minħabba l-fatt li s-sett qniepen ġodda ta' Ħal Lija rnexxew, huma bosta dawk li possibbilment jemmnu li l-Fonderija Taylor kellha triq ħafifa biex ingħatat l-inkarigu biex tidħol għal dan ix-xogħol. L-istorja ddokumentata fl-arkivji fl-Ingilterra tixhed xort'oħra. Jidher li kien hemm bosta li kienu xettiċi dwar bidliet sinifikanti li kellhom qniepen Ingliżi. B'mod partikolari nirreferu għal nuqqas ta' dekorazzjoni u kliem kif ukoll il-kuruna karatteristika tal-qanpiena tradizzjonali.[9] Rimarki oħra li rċeviet il-fonderija Taylor minn Malta kienet dwar l-ilsna u t-travi tagħha li kienu ferm 'il bogħod minn dawk li kienu mdorrija bihom il-Maltin. Huwa ddokumentat ukoll li kienu bosta li wrew it-tħassib u d-dubji tagħhom għall-għażla ta' qniepen

[8] B' mod kronologiku, il-funderiji kienu s-segwenti: Premiata Fonderia Salvatore Noblione ta' Napli, Premiata Fonderia Magni ta' Lucca, Premiata Fonderia Pontificia Daciano Colbachini ta' Padova, Fonderia Picasso ta' Recco, F.lli Barigozzi ta' Milan, Fonderie Paccard ta' Annecy fi Franza, Fonderia Bianchi ta' Varese, Fonderia Marinelli ta' Agnone, u Gillett & Johnston & Co. Founders and Clockmakers ta' Croydon fl-Ingilterra.

[9] Korrispondenza Arkivju Privat John Taylor & Co founders – Korrispondenza Mixellanja – EMEC- Malta – 1946 – unpaginated.

mingħajr kuruna però l-ordni ngħatat lil Taylor bil-kundizzjoni li l-qniepen il-qodma jinżammu fil-kampnari tal-knisja sa fejn huwa teknikament possibbli minħabba raġunijiet ta' spazju limitat.[10] Għalkemm ferm differenti minn qniepen oħra fornuti snin qabel mill-Italja, l-ordni marret l-Ingilterra li għalkemm relattivament ġdida fis-suq ma kienx żgħir l-inkwiet għall-kompetituri.[11]

Fil-korrispondenza tidher ukoll riferenza għall-proviżjoni ta' lsien ġdid għall-qanpiena l-kbira l-antika. Teżisti wkoll rimarka minn Paul Lea Taylor li t-tonalità ta' din il-qanpiena hija waħda qawwija għalkemm limitata ferm mill-karatteristiċi mużikali matematiċi li jfornu l-Fonderija Taylor.[12] Dettalji oħra jirrigwardaw aħbarijiet dwar l-istadji diversi tal-manifattura tal-forom bil-lest għat-tfondija tal-qniepen. Fil-korrispondenza numeruża hemm aċċenn min-naħa tal-fonditur Taylor biex jintbagħtu l-iskrizzjonijiet proposti fuq il-qniepen il-ġodda u biex dawn ikun l-iqsar possibbli biex kemm jista' jkun ma tkunx kompromessa t-tonalità finali tal-qniepen.

Il-qniepen tlestew fl-ewwel kwart tas-sena 1947 u kif jixhdu l-arkivji, kienu l-bosta dilettanti tal-qniepen Ingliżi li żaruhom fil-fonderija. Fatt ħelu ddokumentat ukoll kien meta saret trażmissjoni diretta mal-BBC fejn kien miftiehem li l-qanpiena l-kbira kellha tiddendel bejn wieħed u ieħor żewġ piedi 'l fuq mill-art fil-fonderija u biex tindaqq ħalli leħinha jkun trażmess fuq ir-Radju. Jidher li għal xi raġuni l-komunikazzjoni ma kinitx daqstant ċara u ġara li ħadd ma waqqaf liż-żewġ *slingers* felħana li bdew jgħollu l-ilsien 'il fuq biex tindaqq il-qanpiena. Ir-riżultat kien li damu madwar tliet kwarti jdoqqu l-qanpiena wara li spiċċat it-trażmissjoni a skapitu tal-ħaddiema l-oħra li riedu jwettqu xogħolhom bl-akkumpanjament ta' Salvina.[13]

[10] *Ibid.*

[11] Korrispondenza Arkivju Privat Spett. Ditta A. Busuttil Agenti Flli. Barigozzi Milan, datata 18 Gennaio 1947 *'Ben chi ha servito per un combattimento commerciale che abbiamo avuto pero altrestanto ci duole rendervi nato che ci siamo stati viati. Una ditta Inglese Taylor & Co da Birmingham (sic) nuova per Malta si e messa avanti con un rappresentante proprietarie ed aschiappato due commissioni importanti.'* Ħajr lis-Sur Cecil Magri għal kwalunkwe għajnuna mogħtija.

[12] *Ibid. 'A new clapper is to be forwarded for the present bass (bell) which possesses a dramatic strike characterized by a hum which is way too flat in mathematical pitch to be of any musical use at all with any proposed new Taylor bells.'*

[13] *Ibid. 'The BBC staff forgot to tell our bellhangers to stop ringing Salvina, much to the anguish of the workers who had to endure her wonderful sonorous tone reverberating in the foundry while doing their daily chores.'*

Il-qniepen tgħabbew fuq il-bastiment Gitano li spiss kien jagħmel vjaġġi lejn Malta. Nassumu li kbir kien il-ferħ tal-poplu meta dawn waslu Malta. It-tlugħ tal-qniepen mix-xatt sar permezz ta' ħames trakkijiet separati li ttellgħu bix-xorti dwar min minnhom se jġorr il-qniepen. Huwa fatt ironiku li l-qanpiena l-kbira messha tinġarr fuq l-aktar trakk żgħir filwaqt li l-akbar vettura messha ġġorr l-iżgħar qanpiena!

Fuq iz-zuntier tlestew ħames pilastri tal-ġebel biex jerfgħu l-ħamest iqniepen għall-waqt il-konsagrazzjoni li saret mill-Arċisqof Mikiel Gonzi. Mill-kbira għaż-żgħira l-qniepen issemmew Salvina, Carmela, Margerita, Katerina u Ġużeppa. Il-benefatturi li taw il-qniepen kienu: Il-kbira - mogħtija mill-Kleru u l-Poplu ta' Ħal Lija, ir-raba' - Is-Sur Carmelo Pirotta, it-Tielet - Margaret Lady Strickland, it-Tieni - is-Sur Pietru Pawl Galea u ż-żgħira - is-Sur Ġużè Bianco. L-intonazzjoni tal-qniepen kienet ibbażata fuq *concerto maggiore in Sol grave* li kellu jkun it-tieni sett in *Sol grave* wara dak ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema.

Dan kien l-ewwel sett ta' qniepen kbar li kien intunat mekkanikament minn ġewwa (imqaxxar biex in-nota tkun perfetta), karatteristika li impressjonat lil diversi dilettanti li kienu tant offrew reżistenza qabel l-ordni ta' dawn il-qniepen.

Is-suċċess jidher waħdu mill-fatt li s-sena ta' wara Taylor irnexxielhom jiksbu mhux inqas minn ħames ordnijiet għall-qniepen ġodda. Dawn kienu erbgħa għal Malta, is-Siġġiewi, San Duminku l-Belt, San Girgor ta' Tas-Sliema u l-Lunzjata f'Ħaż-Żebbuġ u Santa Luċija fil-limiti ta' Kerċem Għawdex; total ta' 32 qanpiena, tnejn minnhom iktar minn 4 tunnellati l-waħda. Fid-dell ta' dawn il-kummissjonijiet wieħed irid isemmi li ma kienx faċli għal Taylor biex jieħu dan ix-xogħol kollu, b'mod partikolari fis-Siġġiewi meta l-Prokura tal-qniepen għal ftit ma spiċċatx riżolta quddiem il-Qrati Ingliżi. L-istorja dwar ir-rabta tal-Fonderija Taylor mal-qniepen ta' Malta għad trid tinkiteb.

Dan huwa biss attentat ċkejken ibbażat fuq riċerka kif imiss fl-arkivji li hemm l-Ingilterra kif ukoll arkivji privati oħra li kellna aċċess għalihom meta dan l-artiklu kien kważi lest. Wieħed jittama li tinqala' opportunità aħjar meta s-sorsi kollha jingħaqdu f'pubblikazzjoni xierqa li tagħti ġieħ lill-qniepen tas-Salvatur kif ukoll lill-fonderija John Taylor li sawrithom.

*Copyright - MMXVI*